C/2026/903

11.2.2026

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(C/2026/903)

Fi żmien 3 xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni, l-awtoritajiet ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u tkun stabbilita jew residenti f'pajjiż terz, tista' tippreżenta oppożizzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli

"Patata de Valderredible"

Nru tal-UE: PGI-ES-03349

Ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2024

1. **Isem/Ismijiet**

"Patata de Valderredible"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP ☐ IĠP ☒

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Spanja

4. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu**

4.1. *Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143*

07 – ĦAXIX U ĊERTI GĦERUQ U TUBERI TAJBIN GĦALL-IKEL

0701 – Patata, friska jew imkessħa

4.2. *Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu li għalih japplika l-isem reġistrat*

Il-prodott kopert mill-indikazzjoni ġeografika protetta "Patata de Valderredible" (IĠP) huwa definit bħala tuberi tal-ispeċi *Solanum tuberosum L.*, tal-varjetajiet ikkultivati "Agria", "Baraka","Jaerla", "Kelly" u "Spunta".

Il-"Patata de Valderredible" għandha l-karatteristiċi organolettiċi li ġejjin:

— Id-dijametru jvarja minn 40 mm sa 75 mm, u l-maġġoranza li jkollhom dijametru ta' aktar minn 60 mm.

— Il-kulur tal-qalba jvarja minn isfar għal isfar skur.

— Forma ovali tawwalija jew ovali tonda.

— Sawra iebsa u konsistenti.

— ·Qoxra lixxa mingħajr malformazzjonijiet, b'għajnejn fuq il-wiċċ.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

In-natura speċifika ta' dawn il-karatteristiċi ġenerali tvarja skont il-varjetà kkonċernata:

	"Agria"	"Baraka"	"Jaerla"	"Kelly"	"Spunta"
Dijametru (mm)	50–75	60–75	40–60	50–75	40–60
Forma	Minn ovali tawwalija sa għat-tond	Minn ovali għat-tond sa għat-tond	Minn ovali għat-tond sa għat-tond	Minn ovali tawwalija sa għat-tond	Minn ovali tawwalija sa ovali għat-tond
Sawra	Iebsa	Iebsa	Iebsa u konsistenti	Iebsa u konsistenti	Iebsa
Kulur tal-qalba	Isfar skur	Isfar	Isfar skur	Isfar	Isfar

Barra minn hekk, il-"Patata de Valderredible" għandha l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi li ġejjin:

— Kontenut xott ta' aktar minn 20 %.

— Kontenut ta' vitamina Ċ ta' mill-inqas 20 % (20 mg/100 g patata mhux ipproċessata).

4.3. *Derogi dwar l-akkwist ta' għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali dežinjati b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta biss) u restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' materja prima (għal prodotti proċessati dežinjati b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta biss)*

—

4.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

Il-passi fil-produzzjoni li jsiru fiż-żona ġeografika definita huma l-kultivazzjoni (iż-żrigħ u l-ħsad).

4.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

L-imballaġġ isir fiż-żona ġeografika definita minħabba l-ħtieġa li jiġi mminimizzat kwalunkwe telf fil-kwalità finali tal-prodott ikkawżat mit-trasport u minn kundizzjonijiet inadegwati tal-ħżin.

L-imballaġġ irid isir f'lottijiet tal-istess varjetà u dijametru, b'kontenut nett sa 25 kg.

L-imballaġġ irid ikun ġdid, nadif u magħmul minn materjali li jippermettu li l-prodott jiġi vventilat, ippreservat u ttrasportat kif xieraq, bħal boroż xbieki jew xkejjer.

Il-fatt li l-imballaġġ isir fiż-żona ġeografika definita jirrifletti l-ħtieġa li jiġi mminimizzat kwalunkwe telf fil-kwalità finali tal-prodott ikkawżat mit-trasport u minn kundizzjonijiet inadegwati tal-ħżin.

4.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

L-imballaġġ kollu li jkun fih il-prodott protett irid ikollu l-logo tal-IĠP "Patata de Valderredible" u l-kliem "Indicación Geográfica Protegida Patata de Valderredible" [indikazzjoni ġeografika protetta "Patata de Valderredible"] jew "IGP Patata de Valderredible" [IĠP "Patata de Valderredible"]. L-imballaġġ irid jindika b'mod ċar il-varjetà ta' patata li fih.

Kull pakkett irid ikollu wkoll tikketta ta' ċertifikazzjoni enumerata li jkollha l-logo tal-IĠP, li jinħareġ mill-korp maniġerjali.



5. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni għall-"Patata de Valderredible" hija limitata għall-muniċipalità ta' Valderredible (Cantabria).

6. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rikonoxximent ta' din l-indikazzjoni ġeografika protetta huwa bbażat fuq il-karatteristiċi speċifiċi tal-IĠP "Patata de Valderredible", li huma attribwibbli għall-oriġini ġeografika tagħha, u fuq ir-reputazzjoni li kisbet.

Karatteristiċi speċifiċi li jistgħu jiġu attribwiti għall-oriġini ġeografika

Valderredible tinsab f'żona ta' tranżizzjoni bejn il-klima marittima tal-widien interni tal-Cantabria u l-klima kontinentali tal-Meseta Central ta' Spanja.

Il-kundizzjonijiet klimatiċi taż-żona huma definiti mir-riljiev tagħha, mill-elevazzjoni medja għolja tagħha u mid-distanza tagħha mill-oċean. Il-klima hija kiesħa, b'temperaturi annwali medji qrib l-10 °C, u mxarrba, b'madwar 700 mm ta' xita.

It-tipi ta' ħamrija preżenti fil-muniċipalità huma adattati għat-tkabbir tal-patata, peress li l-ħamrija u s-substrati arjati li huma aktar ramlin milli taflin huma abbundanti, speċjalment madwar ix-Xmara Ebro. Dawn huma kundizzjonijiet tajbin għat-tkabbir ta' dan it-tuberu partikolari, peress li jikber aħjar f'kundizzjonijiet ta' pH ta' bejn 5,5 u 7, li tipikament iseħħu f'din il-ħamrija.

Madankollu, il-pożizzjoni latitudinali tagħha tfisser li x-xita fiż-żona kważi dejjem tirriżulta mill-effett tal-fronti tat-temp mill-Punent. Dan ifisser li x-xita tinfirex b'mod pjuttost irregolari bejn l-istaġuni, u hija batuta ħafna fis-sajf.

Madankollu, jekk hemm fattur wieħed li huwa deċiżiv, dan huwa t-temperatura. Il-perjodu tal-ġlata jdum minn Ottubru sa Mejju, bil-livelli baxxi estremi jseħħu bejn Diċembru u Marzu. F'Mejju u f'Ottubru, b'temperaturi minimi medji ta' madwar 5 °C, il-ġlata intensa x'aktarx li ma sseħħx u t-temperaturi taħt iż-0 °C huma konsiderevolment inqas frekwenti.

Il-kundizzjonijiet klimatiċi jillimitaw il-kultivazzjoni minħabba li l-ġlata tista' tagħmel ħsara lill-pjanti żgħar jew lit-tuberi, li huma wkoll suxxettibbli għal mard fungali. Madankollu, dan huwa wkoll vantaġġ peress li huwa r-raġuni ewlenija għall-uniċità u għall-apprezzament tal-"Patata de Valderredible".

Il-"Patata de Valderredible" hija kkaratterizzata minn perċentwal ogħla ta' materja niexfa u ta' vitamina Ċ minn varjetajiet oħra (Aptitudes físicas y nutricionales de ocho tipos de patata [Il-kwalitajiet fiżiċi u nutrizzjonali ta' tmien tipi ta' patata], Froilán, 2024).

Il-konċentrazzjoni għolja ta' materja niexfa fil-"Patata de Valderredible" hija marbuta mill-qrib mal-kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi fiż-żona: il-ġlata tardiva u temperatura minima medja ta' madwar 5 °C. Skont studji dwar il-kultivazzjoni tal-patata, it-temperaturi moderati u d-durata taċ-ċiklu tat-tkabbir jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kontenut tas-solidi tat-tuberi (Efecto del clima en la calidad del tubérculo de patata [L-effett tal-klima fuq il-kwalità tat-tuberi tal-patata], García *et al.*, 2018). Fil-każ tal-"Patata de Valderredible", il-perċentwal ta' materja niexfa huwa ta' aktar minn 20 %, b'kuntrast mal-istess varjetajiet imkabbra f'żoni oħra (Aptitudes físicas y nutricionales de ocho tipos de patata [Il-kwalitajiet fiżiċi u nutrizzjonali ta' tmien tipi ta' patata], Froilán, 2024).

L-istess effett jirriżulta f'żieda fil-vitamina Ċ jew fl-aċidu askorbiku. Klima b'temperatura aktar baxxa tgħin biex titnaqqas id-degradazzjoni tal-vitamina Ċ matul it-tkabbir u l-ħsad, peress li l-vitamina C tiddekomponi aktar malajr f'temperaturi għoljin. L-esponiment għal temperaturi moderati u l-okkorrenza inqas frekwenti ta' stress mis-sħana jgħinu biex jinżammu livelli ogħla ta' vitamina Ċ fil-patata. Perjodu twil ta' tkabbir jagħmilha possibbli wkoll li l-pjanti jiżviluppaw livelli ogħla ta' antiossidanti, inkluża l-vitamina Ċ, li jgħin biex jiġu protetti mill-istress ambjentali.

L-esperjenza tal-produtturi u l-għarfien miksub tul id-deċennji għamluha possibbli li jintgħażlu l-varjetajiet l-aktar xierqa għat-tkabbir tal-"Patata de Valderredible" u li jiġi ddeterminat l-aħjar żmien biex jinżergħu, filwaqt li jitqiesu l-fatturi tal-klima. Din l-esperjenza u dan l-għarfien huma enfasizzati mir-riċerka li ilha ssir fid-distrett ta' Valderredible sa mill-1996, bħall-*Estudio del cultivo, almacenamiento y comercialización de la "Patata de Valderredible"* [Studju dwar il-kultivazzjoni, il-ħżin u l-kummerċjalizzazzjoni tal-"Patata de Valderredible"] (M. A. Gómez, 1996) jew il-*Proyecto de investigación sobre producción de patatas en Valderredible. Ensayo de variedades* [Proġett ta' riċerka dwar il-produzzjoni tal-patata f'Valderredible – ittestjar tal-varjetajiet] (M. A. Gómez, 1997).

Reputazzjoni

Skont bosta sorsi biblijografiċi, kien fl-1797 li l-patata ġiet introdotta f'Valderredible, żona li tappartjeni għad-distrett ta' Campoo-Los Valles.

L-ewwel li semma dan l-avveniment kien Ángel de los Ríos y Ríos f'artiklu intitolat "El Centenario de las patatas" [Iċ-ċentinarju tal-patata], ippubblikat fir-rivista *Campoo* fl-1 ta' Jannar 1897. Skont dak l-artiklu, l-avveniment inkwistjoni kien seħħ 100 sena qabel, fl-1797.

Dak iż-żmien, madwar l-1797, is-Soċjetà Rjali tal-Cantabria tal-Ħbieb tal-Pajjiż kienet nediet kampanja biex tippromwovi l-kultivazzjoni tal-patata. Peress li din kienet l-ewwel produzzjoni agrikola li ġiet promossa mis-soċjetà, twaqqaf kumitat biex "itejjeb u jġedded l-ispeċijiet tal-patata, filwaqt li jagħmilha aktar faċli biex jiġu akklimatizzati għal klima varjata u jiġi ekonomizzat it-trasport".

F'Valderredible, l-ewwel referenza għall-eżistenza tal-kultivazzjoni tal-patata tmur lura għall-1820.

L-aċċettazzjoni u t-tixrid rapidi tal-patata fil-wied ta' Valderredible huma riflessi b'mod estensiv fid-Dizzjunarju ta' Pascual Madoz (1845-1850). Dan jiddokumenta l-eżistenza tal-kultivazzjoni tal-patata f'34 mit-52 unità tal-popolazzjoni li jiffurmaw Valderredible. Ma tissemma l-ebda kultivazzjoni tal-patata fi 13-il raħal – li mhux neċessarjament ifisser li ma kinitx teżisti, iżda pjuttost li forsi ma kinitx ikkunsidrata bħala għalla fundamentali – u għal ħames unitajiet tal-popolazzjoni ma hemm l-ebda data disponibbli għal dak iż-żmien.

Il-patata kienet tinbiegħ fi swieq ewlenin: dawk f'Reinosa u f'Torrelavega, kif ukoll f'partijiet oħra tal-provinċja. Il-patata ġiet ittrasportata wkoll bil-ferrovija biex tilħaq swieq barra mir-reġjun, bħal dawk f'Madrid u f'Levante. Il-bdiewa f'Levante ilhom sa mill-Ewwel Gwerra Dinjija japprezzaw ħafna l-"Patata de Valderredible" bħala patata taż-żrigħ.

Hekk kif kompla għaddej is-seklu 20, il-patata stabbiliet ruħha bħala l-assi prinċipali ta' Valderredible. L-għalla tant hija sinifikanti għall-wied li r-rapport tal-ġestjoni muniċipali ta' Valderredible għall-1931-1932 juri li wieħed mill-assi prinċipali tal-wied kien il-produzzjoni tal-patata biex tinżera' f'raba' saqwi, fejn fl-1932 inħasdu madwar 85 000 tunnellata. Din ix-xejra kompliet fis-snin 50, kif jidher mill-intervista ma' Antonio Rodríguez (is-Sindku ta' Valderredible) ippubblikata f'Novembru 1956 mill-gazzetta Fontibre, li fiha jispjega li l-agrikoltura hija l-akbar assi tal-wied, "b'mod partikolari l-kultivazzjoni tal-patata, li b'kollox tipproduċi aktar minn 10 miljun kilogramma fis-sena".

Fl-aħħar deċennji tas-seklu 20 u fil-bidu tas-seklu 21, il-patata baqgħet il-produzzjoni agrikola ewlenija fil-muniċipalità ta' Valderredible.

Din is-simbjożi bejn it-tradizzjoni u l-ambjent naturali tagħmilha possibbli li jinkiseb prodott finali b'karatteristiċi organolettiċi distintivi.

Minbarra l-popolarità tradizzjonali tagħha u l-appoġġ li ngħatat fil-pubblikazzjonijiet xjentifiċi u informattivi, ir-reputazzjoni tal-"Patata de Valderredible" hija riflessa wkoll fir-rikonoxximent kummerċjali li tirċievi. Mhux biss spiss tinstab fis-swieq, fil-hypermarkets u għand tal-merċa, iżda l-oriġini u n-natura unika tagħha jġibu valur miżjud reali fil-komunikazzjoni mal-konsumatur.

Eżempju ta' dan jingħata mis-sit web Frutería El Vergel, li jgħid fid-deskrizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tiegħu li: il-"Patata de Valderredible hija l-patata l-aktar karatteristika tal-Cantabria; il-patata mwielda fuq xtut mill-aktar spettakolari, mnejn toriġina x-Xmara Ebro". Dan il-kliem jenfasizza r-rabta inseparabbli bejn il-prodott u ż-żona, filwaqt li jsaħħaħ in-natura simbolika tagħha.

B'mod simili, il-katina tas-supermarkets Lupa tbiegħ il-prodott bl-isem "Patata Valderredible", u dan jgħin biex iżid il-viżibbiltà tiegħu u jassoċjah direttament maż-żona ġeografika ta' oriġini tiegħu, li jkompli jsaħħaħ il-prestiġju u d-distinzjoni tiegħu fis-suq.

Fil-livell nazzjonali, il-"Patata de Valderredible" hija rikonoxxuta u apprezzata mill-industriji tat-turiżmu u tal-catering, li jinkluduha fir-referenzi kulinarji tagħhom. Fl-2021, il-gwida turistika prestiġjuża Guía Repsol iddedikat artiklu għaliha bit-titlu "La patata de Valderredible, un tesoro a buen precio. Tiempo de patatas" [Il-"Patata de Valderredible", teżor bi prezz tajjeb. Ħin il-patata], fejn enfasizzat kif din l-għalla, li ilha stabbilita fin-Nofsinhar tal-Cantabria fuq ix-xtut tal-Ebro għal aktar minn ħames sekli, saret ikel essenzjali u simbolu tal-identità għall-wied.

Barra minn hekk, ir-riċetti li jużaw il-"Patata de Valderredible" jistgħu jinstabu f'pubblikazzjonijiet fuq pjattaformi diġitali rispettati. Pereżempju, ġew ippubblikati riċetti għat-tiġieġ bil-"Patata de Valderredible" (*El Diario de Cantabria*, 2022) u għall-"Patata de Valderredible" bl-inċova u bil-granċ (*El Diario Montañés*, 2022).

Id-distinzjoni tal-"Patata de Valderredible" ġiet rikonoxxuta wkoll b'mod mifrux fil-media. *El Diario Montañés* (2024) jgħid li "Din il-patata tispikka minħabba d-dehra ovali u tawwalija tagħha, b'qoxra li żżomm biċċiet żgħar ta' materjali tal-art, li jagħtuha togħma unika. 'Il-ħamrija f'Valderredible tagħti lill-patata tagħna karattru speċjali', spjega produttur minnhom." Din id-deskrizzjoni tenfasizza r-rabta diretta bejn il-prodott u ż-żona, kif ukoll l-awtentiċità li tiddistingwih.

B'mod simili, stazzjonijiet televiżivi nazzjonali ta' profil għoli bħal RTVE ppubbliċizzaw l-uniċità tal-prodott fi programmi ikoniċi bħal "España Directo" (2016) u "Aquí la Tierra" (2024), li enfasizzaw mhux biss it-togħma u l-kwalità tiegħu iżda wkoll il-valur kulturali u tal-pajsaġġ tal-ambjent li fih jitkabbar.

Din l-immaġni tkompli tittejjeb mill-valutazzjoni mogħtija minn Cadena SER (Radio Santander), li ddefiniet il-"Patata de Valderredible" bħala "t-teżor ta' Valderredible" (Cadena SER, 2021), u tissoda l-karattru distintiv tagħha fil-gastronomija tal-Cantabria.

Madankollu, il-preżenza tagħha hija aktar minn sempliċiment kulinarja, u saret simbolu ta' impenn soċjali. Eżempju tajjeb ta' dan kien l-att li deher fil-gazzetta *El Diario Montañés* (2021) fejn tunnellata waħda tal-"Patata de Valderredible" ingħatat b'donazzjoni lill-bank tal-ikel. Dan juri kif il-prodott huwa assoċjat ukoll mal-valuri tas-solidarjetà u tar-responsabbiltà kollettiva.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika:

https://www.alimentosdecantabria.com/documents/33877265/35170950/Pliego+de+Condiciones+IGP+Patata+de+Valderredible_AGOSTO25.pdf/0032663a-531e-18ae-087e-3ecdcc9dec28?t=1758712930734